TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 549/10

**Michael u Marise Montebello**

**vs**

**Joinwell Ltd.**

Illum 30 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, mitejn u erba' ewro, u sittin ċenteżmi (€3,204.60), rappreżentanti prezz ta' sufan li wara sitt xhur dan beda jimmoffa.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu xtraw sufan tad-drapp u wara sitt xhur dana beda jimmoffa.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi d-drapp huwa ċar ħafna u biż-żmien jista' jiġri hekk.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Minħabba n-natura teknika tal-każ, it-Tribunal qabbad espert tekniku, lis-Sur Vincent Ciliberti sabiex jirrelata fuq dan il-każ, fejn fil-konklużjoni tiegħu qal illi huwa ferm diffiċli sabiex jasal għal konklużjoni għalfejn ħarġu dawn it-tbajja, pero' jistgħu jkunu varji, fosthom il-materjal użat taħt il-*fabric*, xi tip ta' kolla użata fil-qafas tas-salott, il-lok fejn kien maħżun il-*fabric* qabel ma ġie mfassal fuq is-salott, pero' eskluda umdita' fl-ambjent anke minħabba l-fatt li ma kienx hemm umdita' u anke jekk kien hemm umdita', t-tbajja setgħu jitfarfru.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa` t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata u inkluż l-ispejjeż tar-rapport tal-espert tekniku, u b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**